MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 1326/2003

**Roosendaal Trading Limited**

**Vs**

**The Oyster & Pearl Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm362.33c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) rapprezentanti bilanc fuq il-valur ta' oggetti ta' ikel u xorb mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-Risposta li fiha s-socjeta' konvenuta talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex l-ebda ammont m'hu dovut mill-istess socjeta'.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 3 ta' Novembru, 2003 li fiha xehed John Zammit, prodott mis-socjeta' attrici, fejn ighid li s-socjeta' attrici kienet bieghet lis-socjeta' konvenuta prodotti tac-cikkulata li jammontaw ghas-somma ta' Lm731.23c (seba' mija u wiehed u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu). Jghid ukoll li mbaghad is-socjeta' attrici xtrat minghand is-socjeta' konvenuta *croissants* li jammontaw ghas-somma ta' Lm368.90c (tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u disghin centezmu), ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici l-bilanc pendenti.

Ra s-seduta datata 3 ta' Mejju, 2004 li fiha xehed Andre Chetcuti, prodott mis-socjeta' konvenuta, fejn ighid li n-nannu tieghu kien jiehu hsieb in-negozju, llum il-gurnata mejjet. Chetcuti jiftakar li darba kien cempel John Zammit u sostna li s-socjeta' attrici kellha tiehu l-ammont ta' kwazi Lm400.00c (erba' mitt lira Maltin) minghandhom. Ighid li n-nannu tieghu kien qallu biex ihallas dan l-ammont u ghalhekk mar personalment b'cheque. Jikkonferma li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici.

L-ircevuta li giet esebita minn Andre Chetcuti hija datata 19 ta' Gunju, 2000 ghal Lm400.00c (erba' mitt lira Maltin) u fl-istess ircevuta hemm indikat li dan l-ammont thallas *on account*. Dan l-ammont ta' Lm400.00c (erba' mitt lira Maltin) jidher fl-istatement tas-socjeta' attrici datat 22 ta' Gunju, 2001. Kieku l-ammont kien qieghed jithallas ghas-saldu wiehed kien jippretendi li Andre Chetcuti kien jitlob li jitnizzel fl-ircevuta li dan kien ghas-saldu.

L-istatement a fol 44 tal-process datat 21 t'Ottubru, 2003 juri li kien ghad hemm bilanc dovut lis-socjeta' attrici ta' Lm362.33c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu).

Kienet is-socjeta' konvenuta li kellha tipprova li hallset l-ammont billi qieghda tissottometti li "ebda ammont m'hu dovut". Is-socjeta' konvenuta naqset li tipprezenta provi konvincenti dwar l-allegazzjoni taghha li m'hemm ebda ammont dovut.

Illi mistoqsi in kontro-ezami Andre Chetcuti qal li:

“Ma jafx jekk konna nircievu statements……ma nafx jekk kienx hemm ammont iehor dovut lis-socjeta’ attrici.”

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas l-ammont ta’ Lm362.33c (tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali datata 14 ta’ Gunju, 2001 bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------